# META X-XEMX TITLA’ GĦAL KULĦADD



minn **LORNA VASSALLO**



Protesti, qtugħ ta’ dawl u stħarriġiet politiċi. Dak kien li kkaratterizza l-ġimgħa li għaddiet.

Il-mewt ta’ Jean Paul Sofia bir-raġun nisslet uġigħ ta’ qalb u kien jistħoqqilha tant importanza b’tant passjoni.

Iżda elettoralment, protesta hija wkoll sintomu ta’ ftim mill-gvern. Sintomu ta’ xi ħaġa iktar profonda. Ta’ karbiet li ilhom jintisġu u li laħqu l-qofol tagħhom proprju ma’ Jean Paul Sofia. Kien hemm is-sentiment ta’ ‘issa daqshekk’. Imma meta l-folla tgħid ‘issa daqshekk’, ikun ilha tissaporti.

Għalhekk ir-riżulati tażżewġ stħarriġiet elettorali ma kinux daqstant sorprendenti. Bħal dejjem, dawn tal-aħħar urew li l-PN mhux xi wġigħ tar-ras għall-PL. Iżda juru wkoll illi elezzjoni oħra, l-ikbar sfida tista’ tiġi minn dawk li ma jivvutawx. L-apatetiċi.

Huwa ironiku li wara protesti ma jaqtgħux dwar is-saltna tad-dritt issa qed isiru oħrajn biex il-PM jindaħal lill-proċess legali. Iżda dik hija s-sitwazzjoni f’dal-każ.

Jidher ukoll li huma proprju persuni tradizzjonalment laburisti li l-iktar qed iħossuhom skomdi. Jista’ jkun li l-PL qed jaqa’ xi ftit fin-nassa li jserraħ moħħu mill-appoġġ elettorali. Iżda ma jridx jinsa illi l-votant Malti dejjem kien individwalist. Qajla jiżżik ħajr meta x-xemx titla’ għal kulħadd: kemm għall-ħbieb kif ukoll għall-għedewwa.

Il-Malti ma jqisx illi l-infrastruttura, il-benefiċċji soċjali u s-saħħa saru biss għalih. Dan kien l-akbar żball li għamel il-PL kull meta kien fil-gvern u li jidher li qed jerġa’ jsir. Partit politiku fil-gvern huwa bħal omm: it-tfal tagħha jkunu jixtiequ ħarsa ta’ mħabba iktar minn ħaddieħor mingħandha, jew żegħila żejda. Ftit trattament preferenzjali. Imma ħafna laburisti tradizzjonali (‘suldati tal-azzar’) iħossu li t-trattament preferenzjali qed jieħdu ħaddieħor.

Dan għax l-omm fin-natura nfaħħruha għax tħobb lil uliedha u mhux għax tħobb lil ulied ħaddieħor. F’partit politiku hemm l-obbligu morali li l-partit jgħin l-ewwel lil dawk li ġġieldu għall-partit fi żmenijiet inqas feliċi.

Tkellimt ma’ ħafna attivisti b’qalbhom maqsuma. Eks-attivisti li għamlu xhur bla xogħol, nies li insistew għal appuntamenti li ma rnexxew qatt, jew nies li flok ma spiċċaw jitkellmu mal-politiku spiċċaw jirrakkuntaw l-istorja tagħhom lir-rappreżentant tiegħu. Nies oħra qalgħu transfers jew tkeċċew minn pożizzjonijiet ta’ tmexxija.

U fl-aħħar minn l-aħħar jiġini f’moħħi ħsieb ieħor li forsi mhuwiex daqshekk immedjatament ovvju. L-effett Daphne u r-ritratt ma’ Melvin.

Il-poplu tagħna huwa mdorri jieħu r-ritratti mal-politiċi, jiltaqa’ magħhom u jkellimhom. Mill-ogħla uffiċċju f’Kastilja sal-anqas kandidat. Iżda jista’ jkun illi mill-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u mill-pubblikazzjoni tar-ritratt ta’ Joseph Muscat ma’ Melvin Theuma, il-Prim Ministru u l-politiċi Maltin qegħdin jibżgħu jiltaqgħu mal-pubbliku. Dan minnu nnifsu jista’, imbagħad, jirrendi lill-Kastilja u lill-Ministeri fortizzi żgħar fejn min hu barra barra, min hu ġewwa ġewwa.

Għalkemm il-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia qajjem għagħa kbira fil-pajjiż u lil hinn minnu, ġie segwit minn protesti aggressivi u riżenja ta’ PM, s’issa ma jidher li ħalla ebda effett fuq il-gvern laburista tant li reġa’ tela’ fil-gvern b’maġġoranza massiċċa.

Iżda jista’ jkun li għadu kmieni wisq biex niġġudikaw ’l-istorja. Jista’ jkun li tali qtil fisser it-tmiem tal-intimità bejn il-politiċi Maltin u l-poplu. It-twessiegħ tad-distanza bejniethom. Min-naħa l-waħda l-politiku jibża’ joqrob lejn l-elettorat u minn l-oħra l-elettorat jaqta’ qalbu jipprova jiltaqa’ mal-politiċi.

Imbagħad hemm in-nassa li l-PM, Ministru jew politiku laburist jagħżel ma’ min ser jiltaqa’. Imma mbagħad ikollna nistaqsu: fuq liema kriterji ser jagħżel ma’ min jiltaqa’? Jiltaqa’ ma’ min hu l-iktar ta’ valur għall-pajjiż? Ma’ min l-iktar li jġib flus lejn il-pajjiż u cioe’ man-negozjant?

Ma jagħmilx daqstant sens li l-partit laburista jagħżel lil min ikellem skont dawn il-kriterji. Speċjalment meta f’qalbu suppost għandu liżżgħir u mhux lill-miljunarju.

L-ammont ta’ nies li jivvutaw Malta huma l-għira ta’ kull stat ieħor Ewropew. Iżda bil-wisq nibża’ li bħalma ġara f’pajjiżi oħra, il-persentaġġ ta’ persuni li ma jafdawx lill-gvern u li jarawh biss oġġettivament, mingħajr ebda passjoni, jispiċċaw ma jivvutawx. B’hekk ikollna sitwazzjoni fejn il-gvern u l-oppożizzjoni jispiċċaw bl-istess persentaġġi baxxi bir-riskju li l-gvern xorta jitlef xi siġġijiet. Ir-riperkussjonijiet tal-qtil ta’ Daphne jistgħu jieħdu fit-tul. Politiċi ma jafdawx lin-nies u nies ma jafdawx lill-politiċi. Nies u politiċi minflok ħbieb, għedewwa.

Sta għall-PL li jiltaqa’ mal-inqas partitarju mhux biss fil-pubbliku imma anke privatament. Vera li r-ritratt tal-Prim Ministru ma’ persuna relatata ma’ każ ta’ qtil seta’ jinsinwa ħafna. Iżda huwa wkoll minnu illi f’pajjiżi fejn il-politiċi ma jafux lil nieshom, il-maġġoranza tintrebaħ u tintilef b’persentaġġi inqas minn ħamsin fil-mija. Dan għaliex politiku ’l bogħod min-nies jista’ jikseb biss dan.

Dwar PMi, laqgħat u ritratti se jkun iż-żmien li jagħtina parir.

*Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa.*


